# ĦJIEL FUQ SANT'ELENA

L-istoriċi ma jaqblux bejniethom dwar fejn twieldet Flavja Ġulja Elena. Jissemma ħafna Drepanum fil-Bitinja, fis-sena 248 W. K, fi żmien il-persekuzzjoni ta' Deċju. Bitinja hu l-post fejn intlaqa' mill-ewwel l-Evanġelju (kif jidher mill-Ittra ta' S. Pietru 1,1). Storiċi oħra, fosthom San Beda, jiktbu li Elena bint is-Sultan Koelju, ħabib kbir tar-Rumani, twieldet f'Colchester fil-Brittanja fejn is-sultan Koelju kellu l-kwartieri tiegħu. Tissemma wkoll York. Isimha għandu x'jaqsam mal-ħniena ma' ħaddieħor, mogħdrija u tjieba, kwalitajiet sbieħ li wriet fil-ħajja tagħha. Ftit nafu dwar tfulitha u ż-żgħożija tagħha. Żgur li kellha trobbija soda li għenitha bil-bosta biex jitrawwem fiha karattru sod biex b'rieda qawwija ma tiddgħajjifx quddiem it-tempesti tal-ħajja.

F'żgħożitha hi ltaqgħet ma' Kostanzo Kloro, neputi ta' l-Imperatur Klawdju Gotiku u kellu parentela ma' Vespasjanu. Kloro kien fuq servizz militari fil-Brittanja. Kien bniedem kapaċissimu f'kull sens, ħanin u ta' qalb tajba ma' l-insara. Hu tefa' għajnejh fuq Elena u fiha ra l-bniedma bi kwalitajiet sbieħ li ma ttellifx il-karriera brillanti tiegħu. Il-pjan tiegħu seħħ meta ingħaqad fiż-żwieġ magħha. Qrib is-sena 275, twildilhom iben f'Naissus, Yugoslavja. Ġie mogħti l-isem ta' Kostantinu. Meta missieru kellu jkun bogħod mid-dar minħabba impenji militari, ommu ħarrġitu fl-aqwa kwalitajiet li tant kitbu dwarhom b'tifħir l-istoriċi, fosthom Sant' Ambroġ. Ma tantx għandna tagħrif dwar il-ħajja miżżewġa ta' Elena, l-aktar dwar in-niket li sofriet meta Kloro kellu, kontra qalbu minħabba promozzjoni kbira, jitlaqha u jieħu lil Teodora, bint Massiminjanu, b'martu. (Dan ġara fis-sena 305, meta Dijoklezjanu, mifni mill-mard, ipperswada lil Massiminjanu biex minn flokhom ilaħħaq lil Galerju u lil Kostanzo). Elena sofriet ukoll il-firda minn binha. Ma nafux ċert meta tgħammdet; seta' kien fil-perijodu twil u mpenjattiv tal-katekumenat li żammha sħiħa fiż-żmien tal-prova. L-ambjent fejn għexet u l-qlubija ta' l-insara waqt l-eqqel provi ħallew effett kbir fuq ħajjitha.

Binha Kostantinu laħaq flok missieru bħala Cesare. Hu kellu jħabbat wiċċu ma' ħafna problemi u rivali, fosthom Massenzju. Kostantinu rebaħlu fuq Ponte Milvio, wara li kellu d-dehra tas-salib jum qabel il-battalja. Kien fit-313 w.K. li ħareġ l-Editt ta' Milan. Fih ingħata l-ħelsien lill-Knisja u bdiet tissewwa l-ħsara li saret lil dawk kollha li mxew wara Kristu. Elena ġiet imsejħa biex tkun

ħdejn binha, ingħatalha t-titlu ta' Imperatriċi, tnaqqxet xbihitha fuq il-muniti, u tat sehem kbir biex tissewwa l-ħsara li sofrew l-insara. Fil-Konċilju ta' Niċea ssemmiet il-għuda tas-salib u x-xewqa li jkun misjub u meqjum. Fis-sena 326, Elena fl-età ta' 80 sena żaret il-Palestina u l-postijiet imqaddsa fejn bniet ukoll bażiliċi, fosthom l-Anastasis (tal-Qabar ta' Ġesù). Wara xogħol ta' tħaffir sabet is-Salib ta' Ġesù u l-għodda tal-Passjoni. Lura lejn Ruma, wara perijodu wasal tmiem ħajjitha. Qrib is-sena 328 w.K., mibkija minn kulħadd ruħha ttajret lejn is-sema. Ġisimha ġie midfun u mqiegħed fil-Mawsolew ta' Via Lavicana magħruf bħala Tor Pignattara. Il-qima lejha bdiet minn kmieni ħafna fil-Liturġija bħal dik ta' l-ewwel martri, li qabarhom kienu jżuruh bosta pellegrini. Sant'Elena hi għalhekk meqjuma f'bosta pajjiżi tad-dinja, fosthom sa mill-ibgħad żminijiet f'Birkirkara.